MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2013

Appell Civili Numru. 1146/2006/1

**Paul Cassar kif ezercenti fin-negozju bhala**
**‘Cassar Service Station’**

**v.**

**Awtorita` dwar it-Trasport ta’ Malta**

**Il-Qorti:**

**1**.Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta’ Ottubru 2009 f’kawza bazata fuq stharrig amministrattiv fit-termini tal-Artikolu 469A tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**2.** Fis-sentenza taghha dik il-Qorti laqghet it-talbiet tar-rikorrenti billi ddikjarat li l-Awtorita` intimata agixxiet ultra vires il-poteri taghha skont il-ligi meta naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali fit-twettiq tal-ghemil amministrattiv u, filwaqt li ddikjarat dan l-ghemil null u minghajr effett fil-ligi, irrevokat l-effetti kollha tad-decizjoni mehuda mill-Awtorita` intimata fil-31 ta' Awwissu 2006. L-istess Qorti kkundannat lill-Awtorita` intimata thallas lir-rikorrenti, in linea ta' danni likwidati, is-somma ta' €11,648.87 ekwivalenti ghal LM5,000; flimkien mal-ispejjez tal-kawza u l-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv.

**3**. Illi l-fatti relevanti huma dawn. Skont ftehim maghmul mal-Awtorita` intimata, ir-rikorrent kien gie moghti licenzja bhala operatur ghat-testijiet biex jigi verifikat li vetturi bil-mutur huma tajbin ghat-triq [testijiet VRT]. B'e.mail datat 8 ta' Awwissu 2006 ir-rikorrent kien gie mitlub mill-Awtorita` intimata sabiex jattendi ghal-laqgha fejn kellu jaghti xi spjegazzjonijiet dwar il-vettura registrata bin-numru GBD-952.

**4**. Din l-email, indirizzata lir-rikorrent, taqra hekk:

"You are kindly requested to present yourself and your tester Mr.Oanef Mula for a meeting at the techincal unit regarding vehicle GBD-952 with Lino Abela. The appointment is fixed for next Friday 11th August 2006 at 11.30am"[1]

**5**. Meta r-rikorrent mar ghal din il-laqgha, huwa *"ma kienx a konjizzjoni tal-allegati akkuzi fil-konfront tieghu[2]"*, maghmula mill-Awtorita`.

**6**. Sussegwentement b'ittra[3] datata 31 ta' Awwissu 2006 huwa gie maghrraf hekk:

---

[1] Fol.5
[2] Rikors promotur para.4
[3] Fol. 6

"Re: **Breach of contracts dated 20/08/2001 signed by yourself and 20/12/2005 signed with GRTU**

"Please be advised that your Vehicle Roadworthiness Test Garage has been found to the in breach of the above mentioned contracts.

"The breach of contract includes that that the vehicle GBD 942[4], that was supposedly tested on the 21st. July 2006, was:

"[a] either not actually tested, or
"[b] if it was, the test was not carried out according to the prescribed procedures."

**7**. Fl-istess ittra r-rikorrenti gie informat li minhabba f'hekk:

"… … … you have become liable to the penalty laid in down in the said conditions of contracts and your are therefore to pay the sum of LM5,000 in accordance [with] the last agreement signed on the 20th December 2005.. In this respect you are to depost this amount with the undersinged as the Authorising Officer within 10 days from the date of this letter."

**8**. Ghal din l-ittra[5], ir-rikorrenti rreagixxa billi baghat ittra datata 6 ta' Settembru 2006 fejn, wara li rrespinga l-allegazzjonijiet maghmula fil-konfront tieghu mill-Awtorita` intimata talab li *"jinghata opportunita` iressaq il-kaz tieghu quddiem l-Awtorita` b'dan illi l-Awtorita` tkun f'pozizzjoni tbiddel u tirrevoka d-decizjoni fil-konfront ta' Cassar Service Station u tiddikjara li ma kienx hemm ebda nuqqasijiet da parti tal-mittenti".*

**9.** Illi r-rikorrenti ma rceviex risposta ghal din l-ittra, u l-Awtorita` gibdet is-somma ta' LM5,000 mill-*Collective Guarantee* li kienet fl-ammont ta' LM10,000, u ordnatlu sabiex jerga' jhallas l-ekwivalenti ta' din is-somma biex il-

---

[4] Sottolinear tal-Qorti
[5] Fol. 8

garanzija li kellha terga’ tigi ghas-somma originali, u dan sabiex ikun jista’ jkompli jopera l-licenzja.

**10.** Ir-rikorrent ibbaza l-azzjoni tieghu fuq it-tezi li din id-decizjoni kienet tekwivali ghall-eghmil amministrattiv fit-termini tal-artikolu precitat, u li qabel ma ttiehdet din id-decizjoni amministrattiva ma gewx segwiti l-principji tal-gustizzja naturali jew htigijiet procedurali mandatorji. Isostni li din id-decizjoni kienet mhux ragjonevoli, u li [f’dak iz-zmien] ma kien jezisti ebda tip ta’ appell.

**11**. Min-naha taghha l-Awtorita` intimata eccepiet li: [1] l-Awtorita` segwiet rigorozament il-htigijiet procedurali kollha rikjesti mir-Regolamenti dwar Testijiet tal-VRT[6] [ir-Regolamenti], kif ukoll tat smigh xieraq lill-attur; [2] li l-Awtorita` ma mxietx b’mod abbuziv; [3] agixxiet *in buona fede* fl-applikazzjoni ta’ dawn ir-regolamenti; [4] ma jezistux l-elementi ta’ delitt jew kwazi-delitt rikjesti ai termini tal-Artikolu 469A[5] li jaghtu lok ghall-hlas ta’ danni, u zgur ma agixxietx in mala fede jew b’mod irragjonevoli.

**12**. L-ewwel Qorti tat id-decizjoni taghha, fuq rapportata, wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Illi b’din il-kawza l-attur qed jallega li d-decizjoni datata 31 ta’ Awwissu 2006 (Dok. “B”) mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta’ Malta (ADT) hija nulla u bla effett peress li ADT fittehid tal-istess decizjoni kisret il-principji tal-gustizzja Kopja Informali ta' Sentenza naturali jew ma osservatx il-htigijiet procedurali qabel u waqt li ttiehdet l-istess decizjoni u konsegwentement giet mitluba l-hlas ta’ danni.

“Illi fl-istess decizjoni datata 31 ta’ Awwissu 2006 (Dok. “B”) inghad li l-attur kiser il-kundizzjonijiet tal-kuntratti datati 20 ta’ Awwissu 2001 iffirmat minnu u dak tal-20 ta’ Dicembru 2005 iffirmat mill-GRTU sabiex jaghmel testijiet tal-VRT u dan peress li inghad li huwa ma ghamilx it-testijiet jew ma ghamilx it-testijiet fir-rigward tal-vettura GBD 942 li kienu suppost saru fil-21 ta’ Lulju 2006 u ghalhekk gie informat li wehel penali ta’ Lm5,000 (skont il-

---
[6] LS. 65.16

kuntratt datat 20 ta' Dicembru 2005) u ghalhekk kellu jiddeposita l-istess ammont sabiex ikun jista jopera.

"Illi mill-provi prodotti jirrizulta l-attur huwa proprjetarju ta' Cassar Service Station, fi Vjal il-25 ta' Novembru, Zejtun u huwa kien jopera b'kuntratt mal-Awtorita` konvenuta sabiex jaghmel testijiet tal-VRT fuq il-vetturi. L-attur kien ircieva *e-mail* datata 8 ta' Awwissu 2008 fejn huwa gie mitlub sabiex ikun prezenti flimkien mat-*tester* Osnef Mula ghall-laqgha fil-11 ta' Awwissu 2006 ma' Lino Abela tat*technical unit* dwar l-vettura GBD 952 (Dok. "A").

"Illi effettivament fl-istess data huwa kien deher quddiem Bord fejn gie akkuzat li ma osservax ir-regoli tal-istess Awtorita` waqt li saru l-ezamijiet fuq vettura partikolari. Fil-31 ta' Awwissu 2006 ircieva l-ittra indikata, fejn huwa qed jghid li hemm sar jaf l-ewwel bl-akkuzi migjuba kontra tieghu u li kien miltub ihallas il-penali kif hemm indikat. Huwa rrisponda ghal dan fejn talab li tigi rtirata l-istess decizjoni peress li huwa ma kien inghata opportunita` jiddefendi lilu nnifsu, izda kull ma rcieva kienet ittra li biha informawh li kienu hadulu s-somma ta' Lm5,000 li huwa kien pogga bhala garanzija skont il-Ftehim Kollettiv.

"Illi jirrizulta li Lino Abela ghall-ADT kien baghat ghall-attur dwar il-vettura GBD 952 (Ford Transit – Dok. "BF1") skont l-*e-mail* datata 8 ta' Awisssu 2006, meta jidher li attwalment id-decizjoni inhadet skont l-ittra datata 31 ta' Awwissu 2006 fuq il-vettura GBD 942 (Toyota Hi Ace – Dok. "BF 2"). Illi jidher li l-investigazzjonijiet li kellhom isiru kien rigwardanti l-vettura GBD 952 intestata fuq Alessio sive Alex Pace (xhieda ta' Brian Farrugia – 12 ta' Marzu 2008; affidavit ta' Benny Farrugia – 9 ta' Gunju 2008) u skont ix-xhieda ta' Lino Abela u Clint Mansueto li kienu prezenti ma' certu Joe Mifsud ghall-ADT ghall-laqgha malattur tal-11 ta' Awwissu 2006 jirrizulta li effettivament kien waqt l-istess laqgha li l-attur kien rinfaccjat bl-akkuzi li ma sarux testijiet sewwa fuq l-istess vettura GBD 952 (xhieda 12 ta' Marzu 2008) li l-attur innega. Jidher li l-istess ufficjali tal-ADT ghaddew l-kummenti taghhom lill*authorising officer* Ray West, minghajr ma l-attur kien infomat xejn, u mbaghad huwa jiehu d-decizjoni, decizjoni

li f'dan il-kaz jidher li inhadet minn Ray West stess li ffirma l-istess ittra suggett tal-kawza odjerna datata 31 ta' Awwissu 2006.

"Illi jirrizulta li f'din il-laqgha kien hemm prezenti ukoll Osnef Mula li kien indikat fl-istess *e-mail* u gie mitlub jattendi mill-attur innifsu, izda dan bla ma' kien jaf blakkuzi li kienu qed isiru fil-konfront tal-attur u sostna li l-VRT ma kienx sar minnu. Jinghad minn Lino Abela u Clint Mansueto li fl-10 ta' Awwissu 2006 l-ADT kienet spezzjonat il-karozza GBD -952 fl-assenza tal-attur (affidavit 9 ta' Gunju 2008 u kontro-ezami 9 ta' Dicembru 2008). Illi sar affidavit (9 ta' Gunju 2008) ukoll minn Joseph Caruana li huwa d-Direttur fi hdan id-Direttorat tal-Licenzji fl-ADT li izda dwar dan il-kaz odjern ma kienx involut personalment (ghalkemm kien involut f'kaz iehor li ma huwiex mertu ta' din il-kawza) u dan bhala fatt jinsab ikkonfermat fil-kontroezami li sar lilu fid-9 ta' Dicembru 2008.

"Illi minn dan kollu din il-Qorti thoss li gie ppruvat li f'dan il-kaz il-principji ta' gustizzja naturali ma gewx osservati filkonfront tal-attur, u dan fil-fatt la kien jaf bl-akkuzi migjuba quddiemu meta deher ghall-laqgha tal-11 ta' Awwissu 2006, u lanqas inghata l-opportunita` li jiddefendi ruhu sewwa, u dan kemm ghaliex qatt ma kien jaf qabel li kellu jiddefendi xi akkuzi li saru fil-konfront tieghu, u wkoll ma thalliex u lanqas kien f'posizzjoni li jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu u dan qed jinghad ukoll ghaliex l-avviz tat-8 ta' Awwissu 2006 bl-ebda mod ma indika l-akkuzi li l-istess attur kien qed attwalment jiffaccja, u kif ukoll ghaliex jidher li t-testijiet tal-vettura in kwistjoni GBD -952 lanqas saru fil-presenza tieghu, u wkoll jidher li saru diversi mankanzi ohra bhal tehid ta' ritratti ta' vettura mhux fil-presenza tal-attur u minghajr indikazzjoni fihom tan-numru tal-vettura li l-kaz kien fuqha, dan iktar u iktar meta effettivament l-ittra tal-31 ta' Awwissu 2006 tirreferi ghall-vettura differenti ndikata bin-numru GBD -942. Huwa wkoll sinifikanti li listess attur ma kienx jaf li huwa kien qed jigi suggett ghallproceduri li fihom jekk jinstab hati kien ser jehel penali ta' Lm5,000, u dan sar jaf bih biss bid-decizjoni tal-31 ta' Awwissu 2006 (li kif inghad tirreferi

ghall-numru ta' karozza differenti minn dak li kienu qed isiru investigazzjonijiet fuqha mill-ADT); dan apparti li r-rapport tekniku li suppost sar mill-istess persuni li nvestigaw lill-attur, u li presumibilment ghadda ghand l-*authorising officer,* qatt ma kien disponibbli lill-attur.

"Illi f'dan s-sens din il-Qorti thoss li gie ppruvat li f'dan il-kaz kien hemm ksur tal-principji ta' gustizzja naturali ghaliex ma kienx hemm smigh xieraq, ma kienx hemm parita' ta' armi, u kien hemm nuqqas ta' osservanza tal-principju ta' *audi alteram partem* u wkoll peress li l-attur qatt ma kien informat li kien qed jigi akkuzat bl-agir li jekk tieghu jinstab li kien responsabbli huwa kien b'konsegwenza tal-istess proceduri seta' jehel penali ta' Lm5,000, li fil-fatt giet inflitta fuqu bid-decizjoni msemmija.

"Illi dwar dan il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenzi **"Ivan Portelli vs Prim Ministru et", "Michael Buttigieg vs Prim Ministru et"** u **"David Gatt vs Prim Ministru et"** (P.A. (JA) – 27 ta' April 2009) fejn inghad li s-smigh xieraq jinkludi l-principju ta' *audi alteram partem "fis-sens li wiehed ma jistax jimmagina s-smiegh xieraq minghajr lopportunita` li jsemma lehnu f'dawk il-proceduri. Dan huwa wiehed mill-principji bazilari tal-gustizzja naturali u l-Qorti ma' taqbilx li dan il-principju mhux ta' applikabilita' assuluta kif deherilhom il-konvenuti. The principle that no one should be condemned or deprived of his rights without being heard, and above all without having received notice that his rights would be put to stake is of a universal equity. Nothing less would be necessary than an express declaration of the legistlature to put aside this requirement, which applies to all courts and to all bodies called upon to render a decicion that might have the effect of annulling a right possessed by an individual* (**L'Alliance des Professuers Catholiques de Montreal vs Labour Relations Board of Quebec** – 1953 riportat fil-manwal **The Application of the European Convention Human Rights – J.E.S. Fawcett** – pagna 148).

"Illi fis-sentenza **"Paul Borg vs l-Awtorita` Dwar it-Transport Pubbliku"** (P.A. (JRM) – 21 ta' Mejju 2009) inghad li *"bilkemm ghandu jinghad li l-htiega li t-tribunali*

*jew awtoritajiet amministrattivi jharsu b'mod skrupluz itthaddin ta' dawn il-principji hija wahda li m'ghandux ikun hemm disposizzjoni espressa tal-ligi biex wiehed japplikaha. It-tharis ta' dawn il-principji fit-tmexxija talamministrazzjoni pubblika ghandu jkun il-kejl minimu li jiggarantixxi t-trasparenza u s-siwi tal-ghamil amministrattiv. Ghall-kuntrarju, in-nuqqas ta' tharis ta' dawn il-principji jwassal ghall-irritwalita' tal-ghemejjel hekk imwettqa u ghat-thassir taghhom"* (**"Joseph Debono vs Phoenicia Systems Ltd"** – A.I.C. – 19 ta' Mejju 2004).

"Illi ghalhekk hemm il-htiega li persuna jkollha pre-avviz talproceduri li jkunu ser isiru kontra taghha, nkluz l-akkuzi dwar l-istess u konsegwenzi li johorgu konsegwenza tal-istess tant li *f'**Evans De Smith's Judicial Review Administrative Action*** (4th Edit. – pag. 196) jinghad li:-

*"Natural Justice generally requires that the persons liable to be directly affected by the proposed administrative acts,decisions or proceedings be given adequate notice of what is proposed, so that they might be in a position: (a) to make representations on their own behalf; or (b) to appear at a hearing or inquiry (if one is to be held); and (c) effectively to prepare their own case and to answer the case (if any) they have to meet….In a large majority of the reported cases where breach of the audi alteram partem rule has been alleged, no notice whatsoever of the action taken or proposed to be taken was given to the person claiming to be aggrieved, and failure to give him proper notice was tantamount to denial of an opportunity to be heard on that matter".* **("Dr. Joseph Cachia Fearne vs Segretarju Permanenti et"** – P.A. (TM) – 20 ta' Ottubru 2005); **"Austin Gonzi vs Malta Drydocks Corporation et"** – P.A. (PS) –27 ta' Ottubru 2004. Ghalhekk l-ewwel zewg talbiet attrici qed jigi milqugha fil-waqt li qed jigu michuda l-eccezzjonijiet tal-Awtorita` konvenuta dwar ilmertu.

"Illi f'dan il-kaz l-attur qed jitlob ukoll id-danni u dwar dan l-**artikolu 469A (5) tal-Kap. 12** jikkontempla din il-possibilita` jekk l-awtorita` pubblika li tkun ghamlet delitt jew kwazi delitt li johrog mill-att amministrattiv izda

ddispost tal-ligi jillimita d-diskrezzjoni tal-Qorti in kwantu jimponi kriterji illi biss jekk dawn jigu sodisfatti tistal-Qorti tordna l-hlas ta' danni. Fil-fatt il-ligi tipprovdi illi d-danni m'ghandhomx jinghataw jekk minkejja l-annullament tal-att amministrattiv l-awtorita` pubblika ma tkunx agixxiet in *mala fede* jew b'mod mhux ragjonevoli jew meta l-azzjoni mitluba mill-attur setghet legalment u ragonevolment giet michuda taht kull setgha ohra. Illi ghalhekk il-Qorti f'kaz illi tannulla l-att amministrattiv, jehtieg imbaghad tikkunsidra jekk l-elementi kkontemplati fil-ligi hawn imsemmija jissussistux jew le.

Illi in kwantu ghall-ezistenza jew le ta' *malafede* da parti tal-Bord, irid jinghad illi mill-provi mressqa ma jirrizultawx illi d-decizjoni giet mehuda b'*malafede* u dan peress li jirrizulta li l-istess ADT dehrilha li kienet miexja skont il-poteri taghha u dan ghalkemm fil-fatt ma kinitx qed taghmel dan.

"Illi in kwantu ghar-ragonevolezza jew le fit-tehid tad-decizjoni, il-Qorti, f'dan is-sens, taghmel referenza ghas-sentenza **"Denise Buttigieg vs Rettur tal-Universita` ta' Malta et"** (P.A. (N.C.) – 22 ta' Dicembru 2003) li ghamlet kunsiderazzjonijiet approfonditi proprju fuq dan il-punt u rriteniet illi:-

*"F'dan ir-rigward huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet guridici bazati fuq insenjament anki tal-Qrati Inglizi. Illi fis-sentenza Neg.Ugo Pace vs Prof.Joseph Anastasi Pace noe din il-Qorti, diversament presjeduta, ghamlet referenza ghall-kawza Giorgio Demarco et noe vs James Turner ne et fejn gie ntravvedut ir-rekwizit tar-"reasonable exercise". "It-tests" ta' "unreasonableness" fl-esercizju ta' poteri simili gew enuncjati fil-kawza Kruse vs Johnson 1898 b'dan il-mod:*

*"If they are manifestly unjust"; "if they disclosed bad faith"; if they could find no justification in the minds of reasonable men".*

"Illi dwar s-sindikabilita' tal-poter esekuttiv diskrezzjonali mill-Qrati Inglizi, l-awtur **HWR Wade**, fil-ktieb tieghu **Administrative Law,** jikkummenta hekk:-

*"A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is minded to do so – he must in the exercise of his discretion do not what he likes but what he ought. In other words, he must by the use of his reason, ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably."[Lord Wrenbury].*

"Illi f'dan l-istadju tqum il-kwistjoni dwar il-grad ossia l-*"legal standard of reasonableness"* mehtieg biex jigi soddisfat dan ir-rekwizit, ghax kif jikkummenta l-istess awtur *"Virtually all administrative decisions are rational in the sense that they are for intelligible reasons, but the question then is whether they measure up to the legal standard of reasonableness"* Id-definizzjoni ta' dan il-parametru huwa essenzjali ghax "*within the bounds of legal reasonableness is the area in which the deciding authority has genuinely free discretion. If it passes those bounds, it acts ultra vires."*

*"*Illi gie ritenut ukoll illi sabiex decizjoni titqies ragonevoli jehtieg illi tkun ibbazata fuq kriterji oggettivi u mgharrfa u hawn issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Carmelo sive Charles Dingli et vs. Kontrollur tad-Dwana et"** (A.C. - 27 ta' Marzu, 2009). Dawn il-principji gew segwiti fis-sentenza tallum stess fl-ismijiet **"Stephanie Dalli vs Dr. Valerie Sollars et"** – P. A. (RCP) – 20 ta' Ottubru 2009).

"Illi fil-kaz in ezami, in vista tan-nuqqas ta' formalita` u procedura korretta li bih mxiet l-Awtorita` ntimata li lanqas biss informat lill-attur bl-akkuzi li kellu jwiegeb ghalihom u bil-konsegwenzi li setghu johorgu mill-istess investigazzjoni b'mod li l-istess attur ma kienx f'posizzjoni li jiddefendi ruhu peress li lanqas biss kienet taf ghalxiex ezattament qeghda tissejjah, u allura qatt ma kien informat bl-akkuzi li kienu qed isiru fil-konfront tieghu, din

il-Qorti ma hijiex moralment sodisfatta illi d-decizjoni mehuda mill-Awtorita` konvenuta ghandha titqies bhala wahda li ttiehdet b'mod ragonevoli u dan proprju fid-dawl tan-nuqqas ta' opportunita` illi inghatat lir-rikorrenti li jiddefendi l-kaz tieghu. Ghalhekk ma jistax jinghad illi ddecizjoni kienet wahda oggettiva u mgharrfa. Illi fid-dawl ta' dan kollu jrid jinghad illi fejn il-Qorti fil-kuntest ta' stharrig amministrattiv issib illi effettivament lawtorita` pubblika hija responsabbli ghad-dannu soffert mill-individwu, f'tali kaz iridu jigu applikati l-principji generali tad-danni u d-disposti tal-Kodici Civili. Ghalhekk ukoll ghandu japplika wkoll il-principju li d-danni jridu jigu ppruvati u li ghandhom ikunu konsistenti f'danni materjali u jkun hemm ness ta' kazwalita' bejn l-istess danni allegati u l-azzjoni li kkawzat l-istess.

"Illi f'dan il-kaz jirrizulta li bid-decizjoni tal-Awtorita` konvenuta l-attur gie kostrett ihallas l-ammont ta' €11,647.87 (Lm5,000) bhala penali u ghalhekk dawn huma effettivament id-danni sofferti mill-attur u allura t-tielet u r-raba talba attrici qed jigu milqguha fl-ammont ta' €11,647.87 (Lm5,000). L-ebda danni ohra ma gew ippruvati u ghalhekk l-ahhar zewg talbiet attrici qed jigu milqugha f'dawn l-ammonti."

## <u>L-Appell tal-Awtorita` Intimata</u>

**13.** Illi l-Awtorita` intimata ressqet disa' aggravji: [1] li l-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-provi; [2] li l-Awtorita` ma kenitx ultra vires fil-qadi tal-funzjonijiet taghha meta applikat ir-Regolamenti fuq imsemmija; [3] li ma uzatx il-poteri taghha arbitrarjament; [4] li r-rikorrenti kiser il-kundizzjonijiet taz-zewg kuntratti fuq indikati; [5] li r-rikorrenti kien midhla tal-proceduri tal-Awtorita` u ghalhekk kien jaf bl-import tal-ittra tat-8 ta' Awwissu 2006; [6] li r-rikorrenti nghata l-fakolta` u l-opportunita` li jikkjarifika l-pozizzjoni tieghu; [7] li l-Awtorita` intimata, fid-decizjoni taghha, segwiet il-principji tal-gustizzja naturali billi tat lir-rikorrenti zmien biex jikkjarifika ruhu; [8] li ma kienx hemm mala fede da parti tal-Awtorita` jew li din agixxiet b'mod mhux ragjonevoli; [9] li hadd ma jista' jiehu vantagg mill-azzjonijiet hziena tieghu.

**<u>Konsiderazzjonijet tal-Qorti</u>**

*L-Ewwel Aggravju*

**14.** Fl-ewwel aggravju taghha, l-Awtorita` intimata tghid li *"bhala kumment generali"* l-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-provi u *"ma annalizzatx adegwatament fatturi u l-kuntest li fihom ittiehdet id-decizjoni tal-Awtorita` konvenuta, u tali atteggjament u approach wassal biex ittiehdet decizjoni li ma trendix gustizzja."*

**15.** Fir-rigward, il-Qorti tosserva li hija gurisprudenza kostanti[7] ta' dawn il-qrati li din il-Qorti, bhala Qorti ta' revizjoni, ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Qorti tal-ewwel grad, sakemm ma jirrizultax li dan l-apprezzament kien manifestament zbaljat b'mod li jwassal ghall-ingustizzja.

**16**. Fil-mertu din il-Qorti tosserva li l-*"kumment generali*" tal-Awtorita` intimata, thalla minnha fuq livell generali, stante li din ma indikatx fejn u b'liema mod l-ewwel Qorti naqset milli taghmel apprezzament korrett tal-provi jew li ma analizzatx adetgwatament fatturi fil-kuntest taghhom b'mod li ma saritx gustizzja f'dan il-kaz. Anzi, il-provi juru proprju l-kuntrarju, u li l-espozizzjoni tal-fatti li ghamlet l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha juri bic-car li ghamlet apprezzament korrett tal-fatti.

**17.** In sostanza, mill-atti jirrizulta li bl-ittra tat-8 ta' Awwissu 2008 ir-rikorrent, flimkien mat-tester tieghu, issejjah "*for a meeting"* ma' Lino Abela, dwar vettura GBD-952. Meta mar ghal-laqgha ntwerew lilu ritratti li juru partijiet ta' vettura <u>li ma kenitx identifikabbli</u> mir-ritratti, u ntalab jaghti spjegazzjoni. Sussegwentement fil-31 ta' Awwissu rcieva l-ittra li biha gie nformat mill-Awtorita` li hu kien hati ta'

[7] Ara per ezempju: ***App.Inf. George Bonnici et noe v. Emanuel*** *Farrugia deciza 16 Dicembru 2002****; App.Inf.Bank of Valletta v. Charles Magri deciza*** *31 ta' Mejju 2012 ; App. Inf* ***Fibermar Company Limited v. Christian Camilleri*** *deciza 27 Ottubru 2011;*

ksur tal-kundizzjonijiet stipulati fil-kuntratti fuq indikati, u li kien gie kkundannat ihallas penali ta’ LM5,000, liema somma eventwalment ittehditlu mill-garanzija kollettiva li kienet taghmel tajjeb ghall-licenzja tieghu ta’ operatur – b’hekk ir-rikorrenti safa’ minghajr licenzja biex ikompli jopera.

**18.** Huwa fuq dan il-kwadru tal-fatti li l-ewwel Qorti wasslet ghall-konkluzjonijiet taghha, u din il-Qorti ma tarax li l-apprezzament tal-provi kien la hazin, u wisq anqas manifestament hazin.

**19**. Ghaldaqstant dan l-aggravju tal-Awtorita` huwa manifestament infondat.

*It-Tieni, it-Tielet, ir-Raba’, il-Hames, is-Sitt u s-Seba’ Aggravji*

**20.** Illi tenut kont li dawn l-aggravji huma konnessi, huwa opportun li jigu trattati f’sezzjoni wahda.

**21.** L-azzjoni tar-rikorrent hija msejjsa fuq id-dispost tal-paragrafi [b][ii] u [iii] tas-sub-inciz [1] tal-Artikolu 469A tal-Kap.12 li, fil-partijiet relevanti ghal dan il-kaz, jaqra hekk:
“[1] Hlief hekk kif provdut mod iehor bil-ligi, il-qrati tal-gustizzja ta’ kompetenza civili ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validita’ ta’ xi eghmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-eghmil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet li gejjin biss:
………………

“[b] meta l-eghmil amministrattiv ikun ultra vires ghal xi raguni minn dawn li gejjin:
………………………
“[ii] meta l-Awtorita` pubblika tkun naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali jew htigiet procedurali mandatorji fit-twettiq tal-eghmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta’ qabel dak l-ghemil; jew

“[iii] meta l-eghmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz tas-setgha tal-Awtorita` pubblika billi dan isir ghal ghanijiet

mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti; …….

“[2] F’dan l-artikolu –

“eghmil amministrattiv” tfisser il-hrug ta’ kull ordni, licenzja, permess, warrant, decizjoni jew ir-rifjut ghal talba ta’ xi persuna li jsir minn Awtorita` pubblika, izda ma tinkludix xi haga li ssir bl-ghan ta’ organizzazzjoni jew amministrazzjoni nterna fl-istess Awtorita`.
…………….

**22.** F’dan l-istadju u b’referenza ghall-kuncett legali ta’ dritt ta’ smigh xieraq, din il-Qorti taghmel referenza ghal dak osservat minnha fil-kawza[8] **Paul Borg v. Awtorita` tat-Trasport** deciza fit-28 ta’ Settembru 2012, senjatament li dan id-dritt jikkomprendi d-dritt li persuna akkuzata *“must know the case which is made against him…. must know what evidence has been given and what statements have been made affecting him: and then he must be given a fair opportunity to correct or contradict them …. Disclosure of the charge or of the opposing case must be made in reasonable time to allwo the persona affected to prepare his defence or his comments. He must have a fair notice of any accusation against him, and this is commonly included in the righty to a fair hearing by calling the right ‘to notice and hearing[9]”.* F’dak il-kaz din il-Qorti osservat li, ghalkemm mhux mehtieg li l-process ikun hekk formali li jsir jixbah dak li jsehh quddiem tribunal gudizzjarju, izda hu mehtieg li persuna akkuzata b’kondotta mhux korretta tithalla tiddefendi ruhha. Din il-Qorti osservat ukoll li “ghalkemm huwa possibbli li decizjoni milquta b’nuqqas ta’ harsien tal-principju ta’ smigh xieraq tista’, f’xi kazijiet, tissewwa billi jinghata smigh rimedjali wara li tkun ittiehdet decizjoni bhal dik, smigh bhal dak irid ikun indirizza n-nuqqasijiet imgarrba bid-decizjoni wkoll.”

[8] App. C. 821/2008
[9] Bran citat mill-ktieb “Administrative Law” [HWR Wade & CF Forsyth, 10th Ed. Pagna 428]

**23.** Fil-mertu, il-Qorti tosserva li l-fatt mistqarr mill l-Awtorita` li hi kienet qed tagixxi fit-termini tar-Regolamenti fuq indikati, li ghaddiet minn process shih ta' investigazzjoni li wassalha ghall-konkluzjonijiet taghha, u l-fatti li wasslu ghad-decizjoni li r-rikorrenti kiser il-kondizzjonijiet tal-licenzja tieghu, mhumiex relevanti ghal kaz in dizamina, ghax l-ilment li fuqu hija msejjsa l-azzjoni tar-rikorent huwa li dan ma kienx mgharraf bl-akkuzi li l-Awtorita` kienet qed taghmel kontra tieghu, liema fatt jirrizulta car daqs il-kristal mill-email xotta mibghuta lilu fit-8 ta' Awwissu, u li ma kien hemm hjiel ta' ebda akkuza fiha. Ghalhekk ma jistax validament jinghad li r-rikorrenti kellux l-opportunita` li jipprepara l-kaz tieghu biex jirribatti ghal dak li gie mputat lilu mill-Awtorita` u jiddefendi ruhu sewwa, ma kellux, f'dik l-unika seduta, l-opportunita` li jivverifika r-ritratti ta' <u>partijiet minn karrozza</u> murija lilu u li ma kienux juru n-numru tar-registrazzjoni taghha b'mod li allura ma setax jikkontrolla ghall-liema vettura kienu jirreferu dawk ir-rittratti, u li ma kienx disponibbli ghalih ir-rapport tekniku rizultat tal-investigazzjoni li l-Awtorita` tghid li ghamlet.

**24.** Mhux talli r-rikorrenti ma nghatax smigh xieraq fis-seduta tat-8 ta' Awwissu, izda lanqas inghata l-opportunita` ta' <u>smigh rimedjali</u> kif mitlub minnu permezz ta' ittra mibghuta minnu fis-6 ta' Settembru li biha talab li jinghata opportunita` iressaq il-kaz tieghu quddiem l-Awtorita`. Izda, mhux talli l-Awtorita` ma kkonsidratx pozittivament din it-talba, izda b'ittra datata 8 ta' Novembru, filwaqt li ma ghamlet ebda referenza ghall-ittra tar-rikorrenti, infurmatu li kienet irtirat l-penali mill-*collective guarantee*.

**25.** Ghalhekk kienet korretta l-ewwel Qorti fil-konkluzjoni taghha li f'dan il-kaz kien *"gie ppruvat li kien hemm ksur tal-principju tal-gustizzja naturali ghax ma kienx hemm smigh xieraq, ma kienx hemm parita` ta' armi, u kien hemm nuqqas ta' osservanza tal-principju ta' audi alteram partem, u wkoll peress li l-attur qatt ma kien informat li kien qed jigi akkuzat bl-agir li jekk tieghu jinstab li kien responsabbli huwa kien b'konsegwenza tal-istess*

*proceduri seta' jehel penali ta' LM5,000, li fil-fatt giet inflitta fuqu bid-decizjoni msemmija."*

**26.** Inoltre, huwa rrilevanti l-fatt allegat mill-Awtorita` li r-rikorrenti kien *midhla tal-proceduri tal-Awtortita*`. Daqs kemm hu legalment insostenibbli l-argument taghha li *"la darba din ma kienitx l-ewwel darba li intalbu lilu xi kjarifiki fuq il-pozizzjoni tieghu ta' operatur tal-licenzja biex jaghmel it-testijiet, huwa seta' ragjonevolment jobsor x'kienet ser titratta l-laqgha."* Dan l-argument tal-Awtorita` mhux biss huwa legalment fjakk, izda huwa mploziv, ghax jikkostitwixxi ammissjoni da parti taghha li hija ma nfurmatux li f'dik il-laqgha huwa kien ser ikun affaccjat b'akkuzi li setghu jwasslu, kif fil-fatt wasslu, sabiex tigi mposta fuqu penali sostanzjali. Dak li kellha taghmel l-Awtorita` fic-cirkostanzi kien li, mhux tistrih fuq x'seta' ragjonevolment "jobsor" ir-rikorrent imma li tinformah bl-akkuzi fil-konfront tieghu sabiex hu ikun jista' jipprepara ruhu u jkollu l-opportunita` li jiddefendi ruhu adegwatament meta jmur ghal-laqgha. L-Awtorita` mhux talli m'ghamlitx dan, izda minnflok tat lir-rikorrent x'jifhem li l-iskop ta' dik il-laqgha kien sabiex, fi kliemha stess, jintalbu minnu "xi kjarifiki." Hemm distinzjoni kbira bejn li titlob kjarifiki minghand persuna, u li takkuzah b'infrazzjonijiet kontrattwali li jwasslu ghall-impozizzjoni ta' piena sostanzjali.

**27.** Illi ghall-istess ragunijiet premess, huma rrilevanti ghall-vertenza odjerna l-fatt allegat mill-Awtorita` li din sabet nuqqasijiet u difetti li kienu *"affarijiet fattwali u evidenti ghall-ghajn teknika ta' kull min jifhem fil-vetturi ….. [u] li kellha evidenza u prova cara li l-attur jew ma ttestjax il-vettura GBD-952 jew li maghmilx it-test skont il-procedura preskritta mil-ligi"*

**28.** Ghaldaqstant dawn l-aggravji huma nfondati.

*It-Tmien u d-Disa' Aggravji*

**29.** Illi dawn l-aggravji huma diretti lejn dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti sabet li l-Awtorita` fl-ezercizju amministrattiv taghha kienet irragjonevoli, u, filwaqt li

sabitha responsabbli ghad-danni fil-konfront tar-rikorrenti, ordnat lill-istess Awtorita` thallsu s-somma ta’ LM5,000.

**30.** Fir-rigward il-Qorti tosserva li, fic-cirkostanzi, tenut kont tal-fatt li r-rikorrent ma kellux l-opportunita` li jiddefendi l-pozizzjoni tieghu kontra dak allegat mill-Awtorita` intimata, imma mhux biss, ghax lanqas ma kellu l-opportunita` li jivverifika l-provi dokumentali [r-ritratti] murija lilu waqt il-laqgha tat-8 ta’ Awwissu, u lanqas biss ma’ dak il-hin seta’ jidentifika l-karrozza li ghalihom kienu jirreferu l-partijiet tal-vettura, liema nuqqas aggrava ruhu bil-fatt li n-numru ta’ registrazzjoni tal-vettura ndikata fl-imsemmija ittra rrizulta differenti minn dak indikat fl-ittra tal-31 ta’ Awwissu, u wkoll tenut kont tal-fatt li l-laqgha damet biss bejn 20 u 30 minuti, u li kawza tal-istess ir-rikorrenti sofra danni fl-ammont fuq indikat ekwivalenti ghall-ammont li ghandu jhallas sabiex ikun fil-pozizzjoni li jkompli jopera l-licenzja, jdghajjfu serjament it-tezi tal-Awtorita` li d-decizjoni ma kienitx wahda ragjonevoli.

**31.** Ghalhekk din il-Qorti, fic-cirkostanzi, tikkunsidra li l-ewwel Qorti kienet korretta fil-kostatazzjoni taghha li, ghalkemm ma jirrizultax li l-Awtorita` kienet in mala fede fl-ezercizzju tal-poteri taghha, mill-banda l-ohra d-decizjoni raggjunta minnha tikkwalifika bhala wahda mhux ragjonevoli fit-termini tas-sub inciz [5] tal-Artikolu 469A fuq citat. Izda din il-Qorti ma taqbilx mal-ewwel Qorti f’dik il-parti fejn illikwidat id-danni fl-ammont ta’ €11,647.87, stante li l-att amministrattiv in kwistjoni qed jigi dikjarat null u konsegwentement l-imsemmi ammont li l-Awtorita` intimata hadet bhala penali ghandu jigi restitwit lir-rikorrent b’titolu ta’ rifuzjoni u mhux ta’ danni. Ghaldaqstant it-tmien aggravju qieghed jigi milqugh f’dan is-sens.

**32.** Rigward id-disa’ aggravju, li hu fis-sens li r-rikorrent m’ghandux jithalla *“jiehu vantagg <u>mill-azzjonijiet hziena</u> tieghu stess[10]”,* il-Qorti tosserva li, il-mertu tal-azzjoni odjerna jirrigwarda n-nuqqas da parti tal-Awtorita` li fl-operat taghha fil-konfront tar-rikorrenti ssegwi principju ta’ gustizzja naturali bil-konsegwenza li dan ma kienx fil-

[10] Sottolinear ta’ din il-Qorti

pozizzjoni li jiddefendi ruhu mill-allegazzjonijet tal-Awtorita`. Ghalhekk huwa prematur f'dan l-istadju li wiehed jitkellem fuq 'azzjonijiet hziena' tar-rikorrenti, meta d-decizjoni tal-istess Awtorita` kienet proceduralment monka b'mod li allura, fic-cirkostanzi, la l-Awtorita` u lanqas, din il-Qorti mhi fil-pozizzjoni li tghaddi gudizzju fuq l-ghemil tar-rikorrenti.

**33.** Ghadaqstant dawn l-aggravji qed jitqiesu bhala nfondati.

**Decide**

Ghaldaqstant tiddisponi mill-appell odjern billi, tirriforma s-sentenza appellata billi tordna li l-hlas tal-imsemmija somma ta' €11,647.87 isir b'titolu ta' rifuzjoni u mhux ta' danni u tikkonfermaha fil-bqija wkoll in kwantu ghall-kap tal-ispejjez.

L-ispejjez ta' din l-istanza jkunu a karigu tal-Awtorita` intimata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------